MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 139/2013

**A magħruf bħala B C**
**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fil-11 ta' Frar 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi huwa twieled f'Malta fit-_____________ *(omissis)*, u ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fl-insinwa bin-numru ____/__ *(omissis)* (Dok A);

Illi f'dan iċ-ċertifikat huwa ġie reġistrat bħala li huwa *'male'*;

Illi effettivament l-esponenti minn ċkunitu dejjem ħass li huwa *'female'* speċjalment meta huwa laħaq l-eta' ta'

puberta'. Di fatti minħabba f'hekk kien hemm problemi serji l-iskola u ma setgħax jibqa' jattendi;

Illi l-esponenti għamilha ċara li huwa jħoss ruħu li huwa tfajla u di fatti l-affarijiet komplew jiċċaraw aktar ma beda jikber tant illi f'Ottubru 2012 ġie sottomess għall-operazzjoni kirurġika ta' *gender reassignment* li saret mis-*surgeon* Burin Wangjiraniran li ċċertifika kif ser jingħad:

*"for medical and legal reasons she's now a sterile or infertile female. Her endocrinology is now hypogonadal and will therefore require female sex hormones for her lifetime to remain healthy. She has identified her gender as female since childhood and has lived as a woman prior to surgery and hormone treatment. Psychologically she is of sound mind."*

Illi huwa sussegwentement għal din l-operazzjoni beda jġib ruħu bl-isem B C.

Illi l-esponenti mhux miżżewweġ u huwa domiċiljat Malta.

Għaldaqstant a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Art 257 A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur huwa ta' sess femminili b'mod irriversibbli kif kontemplat fl-Art 257A tal-Kap 16 u dan permezz ta' periti nominandi.

2. Tordna lill-konvenut jagħmel annotazzjonijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-attur rigward s-sess tal-attur fis-sens li dan jiġi jaqra *"femminili"* minflok *"maskili"*.

3. Tordna lill-konvenut jagħmel annotazzjoni wkoll fuq l-istess ċertifikat tat-twelid tal-attur fis-sens li l-isem l-attur minn *"A"* jinqara *"B"*.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis-7 ta' Marzu 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li ta' lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi subordinatament biex l-attur jkun jista' jesperixxi din il-kawża jrid kif imfisser fl-Artikolu 257A(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddimostra illi:

(i) huwa mhuwiex marbut biż-żwieġ; u

(ii) li għandu d-domiċilju tiegħu f'Malta;

Illi magħdud ma' dan, skond l-Artikolu 257A(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti għandha tinnomina periti biex jivverifikaw jekk ir-rikorrenti verament għadda minn bidla irriversibbli mis-sess maskili għal dak femminili;

Illi finalment dwar l-ispejjeż tal-kawża nkluż dawk marbutin mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jiġi rilevat li l-Artikolu 257A(5) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li dawn għandhom jiġu mħallsa mill-attur;

Illi għal dak li jikkonċerna l-bdil tal-isem, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, m'humiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala B kif hekk jesiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq <u>xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits</u> ta' familjari li għandhom jikkonfutaw

it-teżi tagħha ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala B u mhux A;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport maħluf tal-esperti mediċi tal-Professur Godfrey Laferla u Dottor Raymond Galea debitament maħtura għal dak l-iskop;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 257A *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna mhux miżżewġa li jkollha domiċilju f'Malta, li tagħmel talba ġudizzjarja biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess li jkunu ġew assenjati lilu jew liha fl-att tat-twelid. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament, u fis-seduta msemmija r-rikorrenti ddikjara bil-ġurament li qatt ma kien miżżewweġ.

Illi jirriżulta mill-perizja medika illi fil-fatt illum ir-rikorrent huwa ta' sess femminil u allura trid issir l-annotazzjoni imsemmija. Ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet intavolati għaliex id-dikjarazzjoni ġuramentata ma ġietx ribattuta. Naturalment l-intimat ma jaħtix għal dak li ġara u ma għandux ibati spejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess rikorrent. Il-Qorti tordna wkoll illi minħabba n-natura tal-każ, il-**

**partikolaritajiet u konnotati kollha tar-rikorrenti ma jissemmewx fil-kopja tas-sentenza li tiġi pubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Qrati tal-Ġustizzja, u għal kull buon fini tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem ir-rikorrenti fuq il-mezzi kollha tax-xandir.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------